


Paġna ta’ quddiem tal-partitura oriġinali

# L-ANTIFONA *Beate Juliane* (1893) ta’ Dr. Paolo Nani




IT-TIENI PARTI

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: L-ewwel parti ta’ dan l-artiklu deher fil-ħarġa tal-annwal tas-sena l-oħra (Ara *Lapsi* 2013, pġ. 24-39), fejn kont laqqajtkom mal-Antifona *Beate Juliane* tal-1893 ta’ Mro. Dr. Paolo Nani, li mbagħad spiċċat iddedikata lill-Qaddisin Martri Krispin u Krispinjanu. Fih iffokajt biss fuq ix-xogħol inġenerali bla ma qgħadt noqgħod nidħol f’wisq dettal f’dik li hija analiżi. Irrid infakkar li, is-sena l-oħra kien jaħbat il-120 sena minn meta nkitbet din l-Antifona. Kif wegħdtkom fl-ewwel artiklu wkoll, f’din it-tieni parti ser inkun qed niddiskuti l-antifona mill-aspett mużikali tagħha, speċjalment fejn tidħol l-istruttura u t-taqsimiet varji tagħha, kif ukoll nanalizza bl-akbar reqqa l-ħjut mużikali li minnhom huwa msensel wieħed mill-eqdem teżori prezzjużi li seta’ qatt kellu s-subborg marittmu ta’ San Ġiljan.

Kliem muftieħ: Antifona, Antifona *Beate Juliane*, San Ġiljan, Antifona *dei Santi Martiri Crispino e Crispiniano*, Dr. Mro. Paolo Nani, Għaqda Dillettanti Knisja ta’ Lapsi (San Ġiljan), Ofiklajde.

**FORMA**: Il-biċċa l-kbira tal-antifoni li nkitbu fis-seklu 19 u l-ewwel nofs tas-seklu 20 jieħdu l-forma ternarja, i.e. xogħol mużikali li jaqa’ taħt tliet taqsimiet, jew partijiet, distinti fejn (1) tissejjaħ A għax tiġi l-ewwel taqsima. Din tinbena madwar tema ewlenija (Tema A); (2) tissejjaħ B, u li tifforma t-tieni taqsima, u b’tema kemmxejn differenti minn ta’ qabilha biex toħloq kuntrast (Tema B); u (3). Din it-tielet taqsima tista’ tkun, jew (a) A (i.e. ripetizzjoni eżatta), jew aħjar (b) $A^1$ (i.e. ripetizzjoni viċin). B’hekk, minħabba r-ripetizzjoni ta’ A jew $A^1$ fit-tielet taqsima, B tiġi maqbuda bejn żewġ taqsimijet li għandhom ħafna minn xulxin, u allura tispiċċa fin-nofs.



Fil-każ tal-Antifona *Beate Juliane* tal-1893, u aktar tard, *dei Santi Martiri Crispino e Crispinian*, il-forma tagħha wkoll hija ternarja, u tinqasam kif ġej: taqsima A, in FA Maġġuri = mill-ewwel sal-51 battuta. Din it-taqsima hija mmarkata *Allegro, non tanto*, i.e. ħajja, imma mhux ħafna; taqsima B, in Sib Maġġuri = mit-52 sal-107 battuta. Fil-każ ta’ din it-

taqsima t-temp hu mmarkat *Andante*, i.e. andanti, u allura jitħabbat bil-ħlewwa u mingħajr għaġla żejda; taqsima $A^1$, in FA Maġġuri = mill-108 sal-154 battuta, u li għandha mill-istess ħeffa tal-ewwel taqsima, i.e. taqsima A. Minn dan naraw li, kull taqsima għandha, bejn wieħed u ieħor l-istess ammont ta' battuti, u li jagħmel minnhom xogħol wieħed bilanċjat. Hekk mela, taqsima A fiha 51 battuta, taqsima B 56 battuta, filwaqt li taqsima $A^1$ 47 battuta, i.e. erba' battuti biss anqas mill-ewwel taqsima. It-tabella t'hawn taħt turi kif inhuma mqassmin it-tliet taqsimiet prinċipali.

| Taqsima | Deskrizzjoni | Battuti | Rimarki |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | $01\text{-}15^2$ | Introduzzjoni |
| A | (a) *Beate Juliane* | $15^3\text{-}23^2$ | |
| | (b) *Protector Sanctissime* | $23^3\text{-}35^2$ | |
| | ($a^1$) *Beate Juliane* | $35^3$-48 | |
| | | 49-51 | Codetta |
| B | (ċ) | 52-69 | Solo Kurunetta |
| | (d) *Deprecare Pro Nobis* | 70-85 | |
| | (e) | 86-88 | Passaġġ ħolqa |
| | (f) *Filium Dei* | 89-106 | |
| | | 107 | Pawsa ġenerali |
| $A^1$ | (ġ) | $108\text{-}112^2$ | Introduzzjoni |
| | (g) *Beate Juliane* | $112^3$-121 | |
| | (għ) *Deprecare Pro Nobis Filium Dei* | 122-145 | |
| | (h) | 146-154 | Koda |

**ANALIŻI**:



**TAQSIMA A** (b. 1-51): L-INTRODUZZJONI (b. $1\text{-}15^2$) hija twila 15-il battuta u żewġ kwarti, u għaldaqstant, tista' tinqasam f'żewġ frażijiet ta' seba' battuti l-waħda. Dan għaliex, il-motiv tal-ewwel tliet battuti u kwart nerġgħu nsibuh f'battuti $8\text{-}11^1$. L-ewwel frażi titlaq mill-korda tad-dominanti (V), u minflok is-soltu għeluq, tagħti x'tifhem li ser tiġbed lejn RE Minuri (VI), dik li aħna nsejħulha kadenza (tmiem il-frażi) li tgħallat (*cadenza d'inganno*). Fil-fatt, din il-kjavi minuri diġà jkun mess magħha f'battuta 5, u jkompli jikkonsolidaha permezz tas-sesta awmentata fit-tielet kwart tal-battuta li tiġi warajha. Fit-tieni frażi mbagħad, jerġa' ħabta u sabta lejn id-dominanti (V) illi jkun beda biha, biex did-darba talbiħaqq imur u jagħlaq fit-toniku (I) billi jagħmel użu minn kadenza perfetta.

Din it-taqsima fiha 36 battuta = 8 (a) + 12 (b) + 16 ($a^1$) [i.e. 13 + 3] u terġa' tinqasam fi tliet taqsimiet oħra iżgħar kif imfisser f'tabella nru. 2. Fiha nnifisha wkoll tifforma forma ternarja imma fiċ-ċokon

(a) (b. $15^3$ – 23) hija magħmula minn sentenza ta' tmien battuti, fejn l-ewwel erba' battuti jiffurmaw l-anteċedent (*Beate Juliane*) u l-bqija l-oħra, il-konsegwent (*Protector Sanctissime*). Is-sentenza tibda u tispiċċa fit-toniku.




(b) (b. $23^3$ - $35^2$) = 12-il battuta (*Protector Sanctissime*) passaġġ li jikkuntrasta bil-qawwi ma' dak ta' qablu f'dik li hi orkestrazzjoni fejn għandek l-istrumenti tal-korda qedin jakkumpanjaw lill-vuċijiet fl-ewwel tmien battuti, u bil-flawt imbagħad jingħaqad magħhom ottava fuq il-vjolini fil-bqija tal-erba' battuti. F'dik li hija armonija mbagħad, Nani jagħmel użu minn tip ta' kadenza hekk imsejħa *d'inganno*, jiġifieri, li tgħallat. Dan jagħmlu billi, kull darba li jilħaq is-settima dominanti (V7) tat-tonalità li jkun fiha dak il-ħin, jirsolvieha billi jmur lejn is-sotto-medjanti (VI), li min-naħa tagħha tissarraf fil-korda tonika (I) tat-tonalità ġdida. Dan huwa mod kif wieħed jista' jimmodula minn kjavi għall-oħra. Hekk mela, id-V7 ta' RE Minuri (b. 25) tirsolvi fuq is-VI, li hija t-I ta' SI*b* Maġġuri. Bl-istess mod, id-V7 ta' Si*b* Maġġuri (b. 27) tirsolvi fuq is-VI, li hija t-I ta' SOL Minuri. L-istess għad-V7 ta' SOL Minuri (b. 29) li tirsolvi fuq is-VI, li min-naħa tagħha hija t-I ta' MI*b* Maġġuri.




($a^1$) (b. $35^3$ - 48) + 49 – 51 (*codetta*) = 16-il battuta (f'dak li huwa tul għadd fard u li jibbalanċja ruħu mat-tliet battuti li jiġu warajha biex b'hekk tiġi tammonta għal sentenza sħiħa ta' sittax-il battuta) - tutti orkestrali. Taqsim ta' frażijiet illi minnhom hija magħmula din is-sentenza = 4 (*Beate Juliane*) + 5 (*Protector Sanctissime*) + 4 (*Sanctissime*) + 3 (Codetta). Is-sitwazzjoni hija l-istess bħal f'taqsima (a) imma bid-differenza li hawnhekk għandna żieda ta' ħames battuti bħala estenzjoni. Tajjeb ngħidu hawnhekk ukoll li, taqsima ($a^1$), minnha nnifisha, hija f'forma ternarja, i.e. 4 (x) + 5 (y) + 4 (x), fejn in-numru tlieta, bħala simbolu kristoloġiku jerġa' jispikka. Hija wkoll dik it-taqsima li ġġib Taqsima A fi tmiemha.

Kelmtejn fuq il-*codetta* (b. 49 – 51). Din hija magħmula minn grupp kadenzjali ta' tliet kordi V7 – Ic – V, il-waħda mifruda mill-oħra permezz tal-aspetti. Din għandha ħafna mit-tliet taħbitiet ħabbâra (b. 29 – 30) li konna ltqajna magħhom fl-antifona l-qadima.



Antifona 1893



Antifona 1847



**TAQSIMA B** (b. 52–107): Din it-taqsima hija fil-kjavi tas-sottodominanti (IV) i.e. SI*b* Maġġuri, u t-temp tagħha huwa immarkat *Andante*. B'kollox, fiha 56 battuta, maqsumin kif ġej: 18 (ċ) + 16 (d) + 3 (e) + 18 (f) + 1 (pawsa ġenerali). Din l-aħħar battuta għandha rwol triplu: (a) f'dik li hija estetika, l-għadd ta' battuti f'dit-taqsima issa huwa biż-żewġ u mhux aktar bil-fard, kif kienet wara kollox in-norma fil-mużika Klassika, fejn il-frażijiet ikunu mibnijin fuq 4, 8, 12, 16 jew aktar battuti; (b) jekk wieħed jinnota tajjeb, il-kompożitur ried jibbalanċja it-tliet battuti tal-passaġġ ħolqa (e) billi jżid oħra fl-aħħar (f), u b'hekk jġibhom ukoll erbgħa fl-għadd; u (ċ) biex jipprepara tajjeb, kemm lill-koristi u mużiċisti, kif ukoll lis-semmiegħa għall-qalba li trid issir minnufih fit-taqsima li tkun ġejja wara din f'dak li hu temp (*Allegro, non tanto*) u fil-kjavi (FA Maġġuri). Xtaqt inżid ngħid ukoll li, fiha nnifisha, din it-taqsima tibbilanċja tajjeb ukoll f'dawk li huma partijiet fejn (ċ), (d) u (f) bejniethom joħolqu forma ternarja. Jerġa', (ċ) u (f) huma tal-istess tul, jiġifieri ta' 18-il battuta l-waħda.

(ċ) (b. 52 – 69) = 18-il battuta. Din it-taqsima tiftaħ mill-ewwel b'solo fuq il-kurunetta, strument tar-ram magħruf għall-ħoss dinjituż, sollenni, u maestuż tiegħu. Fil-partitura nsibu li paġni 8-10, fejn hemm dan il-passaġġ, huma ngassati b'sing fin-nofs bil-għan li dawn il-battuti jinqabżu (fil-bidu ta' battuta 52 hemm immarkat *salta*), u b'hekk din it-taqsima tmur u tiftaħ mill-ewwel fejn hemm immarkat *qui*, fejn il-baxxi jidħlu jkantaw *Deprecare Pro Nobis*. Din hija ħasra kbira għal varji raġnijiet. Ibda biex, din it-taqsima ser titlef l-ekwilibriju estetiku tagħha f'dik li hi forma, kif rajna tajjeb hawn fuq. It-tieni nett, tkun qed iċċaħħad lis-semmiegħ, mhux biss mill-ħlewwa li joffri solo bħal dan, imma wkoll milli jisma' l-verżjoni korretta tax-xogħol kif oriġinarjament inkiteb. Fl-aħħarnett, tkun qed tonqos mir-rispett lejn il-kompożitur meta taf li x-xogħol ikkonċepih kif inhu, u xejn aktar jew anqas. Sfortunatament jidher li, fil-fatt, dan il-passaġġ, kien dejjem jinqabeż, tant li fil-partijiet għall-vuċijiet tal-antifona *Santi Martiri Crispino e Crispiniano* lanqas biss huwa inkluż!

Intant, dan il-passaġġ doċli fil-karattru tiegħu, immarkat *piano*, fuq il-kurunetta, fir-reġistru medjan tagħha, huwa akkumpanjat biss mill-instrumenti tal-korda, ukoll immarkati *piano*, li jsostnuh b'noti twal u armonija sempliċi u lixxa, u mingħajr l-iċken ħjiel ta' xi ritmu. Araw u isimgħu xi ġmiel ta' melodija, u mbagħad igħiduli jekk passaġġ bħalma hu dan iħollokx:




Issa, meta wieħed jiġi biex janalizzah isib li hu magħmul minn żewġ sentenzi fejn il-frażijiet huma rregolari, għax waħda fiha erba' battuti, filwaqt li l-oħra fiha ħamsa. Dan ġara minħabba li fl-ewwel sentenza (b. 52 – 60) Nani kellu jżid battuta li tippermettilu jdaħħal is-settima dominanti (V7) ħalli jkun jista' jmur lura minn fejn beda (Si*b* Maġġuri). U minħabba f'hekk, issa kien jeħtieġlu jżomm l-istess tul fit-tieni sentenza (b. 61 – 69) billi fiha jdaħħal ukoll battuta żejda. Din l-estenzjoni qegħda f'battuta 68. F'dik li hija melodija mbagħad, wieħed ma jistax ma josservax is-sentiment Romantiku bikri fl-istil tagħha. Ibda biex, għadd ta' noti (immarkati bl-ittra *exxe*) qedin hemm bħala tiżjin biex b'hekk jirrendu 'l-passaġġ aktar lixx f'mixjietu. Mingħajr ma noqgħod nidħol f'dettalji tekniċi żejda, hija titlaq mill-kwinta tat-trijade toniku SIb – RE – FA (b. 52), u b'mod skalat titla' biex tmiss it-terza (b. 53), u mbagħad it-tonika (b. 54) qabel ma terġa' tinżel fuq il-kwinta (b. 54). Dan kollu jseħħ fuq pedala tonika. It-tieni frażi tibda bl-istess mod bħal b. 52, imma mbagħad taħseb mill-ewwel biex tmur lejn Re Minuri (b. 59). Battuta 60 għidna li hija ħolqa li permezz tagħha t-tieni sentenza terġa' tibda bl-istess b'mod bħal f'battuti 52 – 56. F'din il-battuta wieħed jinnota l-użu tal-iskala nieżla, mibnija fuq is-settima dominanti (V7). Min-naħa tagħhom, l-aħħar erba' battuti (66 – 69) huma kkaratterizzati minn grupp kadenzjali in Fa Maġġuri, li hija l-korda dominanti ta' Si*b* Maġġuri. Wieħed ma jistax ma jinnotax it-tidwir pjuttost kormatiku fil-linja melodika (b. 67) qabel it-tieni sentenza tmur u tistrieħ b'mod appoġġjaturat fuq l-istess nota li jkun beda biha dan il-passaġġ.

(d) (b. 70 – $85^1$) = 16-il battuta, jew żewġ sentenzi ta' tmien battuti l-waħda. Fl-ewwel sentenza (b. 70 – 77) jidħlu l-baxxi weħidhom ikantaw *Deprecare Pro Nobis Filium Dei* fuq l-istess mużika li kellna f'battuti 52 - 59, bid-differenza imma hawnhekk li, il-vuċijiet huma akkumpanjati, mhux biss mill-korda, imma wkoll mill-flawt, kif ukoll il-klarinett u l-kornu prim. Fit-tieni sentenza (b. 78- $85^1$) mbagħad, jidħlu jwieġbu t-tenuri, waqtiet diviżi (u meta ma jkunx hemm tenuri biżżejjed, jingħaqdu magħhom il-baxxi), u akkumpanjati mill-istess strumenti, ħlief għall-klarinett sekond li issa jingħaqad magħhom ukoll. Interessanti ngħidu hawnhekk li, dik il-battuta waħda li kellna in Re Minuri (b. 59) issa ġiet estiża għal

tmien battuti, jew aħjar, erba' battuti replikati, bl-ewwel parti tas-sentenza timxi fuq pedala tonika tal-imsemmija tonalità.




Iżda, f'xi ħin jew ieħor, ix-xwejjaħ Nani xorta kien jinħtieġlu joħroġ minn din is-sitwazzjoni, u għaldaqstant jagħmel dan bl-istess mod kif għamel f'battuta 70, jiġifieri minn Re Minuri jitla' għal Fa Maġġuri biex b'hekk ikun jista' jerġa' jmur lura lejn Si*b* Maġġuri. Fil-fatt, dan hu li jagħmel il-passaġġ ħolqa (e) (b. $85^2$ – 88). Xtaqt ukoll niġbed ftit l-attenzjoni fuq it-tielet semimina ta' battuti 88, li bħala nota għandha tittieħed bħala n-nona minuri fl-akkordju tas-settima dominanti, i.e. FA – LA – DO – MI*b* – <u>SOL*b*</u>. Hija ż-żjieda ta' dawn it-tip ta' lwien li jkompli jagħtu lix-xogħol dik ix-xejra Romantika.




(f) (b. 89 – 106) = 18-il battuta, li bejniethom jiffurmaw sentenza waħda. Madankollu, jekk wieħed jipprova jimxi mal-kliem bil-Latin jasal biex jaqsamha f'erba' frażijiet irregulari kif ġej: 4 (b. 89 – 92) + 2 (b. 93 – 94) + 5 (b. 95 – $100^1$) + 7 ($100^2$ – 106). F'din l-aħħar parti ta' din it-taqsima jidħlu l-kor u l-orkestra flimkien, anki jekk għall-ewwel kulħadd minn taħt l-ilsien, kemm kemm jistema'. Nieħdu l-ewwel frażi (b. 89 – 92) fejn hawn għandna t-tenuri diviżi u ikantaw dejjem *Deprecare Pro Nobis* fir-reġistru l-baxx, filwaqt li l-baxxi jissuplixxuhom bin-nota pedala (SI*b*). Donnu li l-vuċijiet huma bħal ilħna supplikanti. Hawn, il-mużika terġa' tieħu l-ewwel erba' battuti minn tat-tema (b. 52 - 55) u tiżviluppa fuqhom fil-frażijiet li jiġu warajha:




Xi ħaġa wkoll dwar l-orkestrazzjoni hawnhekk, fejn għidna li kulħadd qed jipparteċipa f'din il-parti kulminanti li tilħaq il-qofol tagħha f'battuta 96. Mela, hawnhekk għandna l-istrumenti ggruppati skont l-irwol tagħhom f'din il-*messa in xena*, bl-istrumenti tal-korda kollha jdoqqu bit-tremolu (donnhom maqbudin f'mument fejn qed taħkimhom il-biża'), u filwaqt li primi vjolin jimxu mal-melodija ewlenija żewġ ottavi fuq it-tenuri, il-bqija tagħhom jimlew il-battuti bl-armonija meħtieġa. Anke il-flawt, il-prim klarinett u l-kurunetta jirnexxilhom jingħaqdu mal-primi vjolini u t-tenuri. Il-bqija tal-istrumenti, i.e. żewġ korni, tliet trumbuni u l-ofiklajd(e)? jimlew l-armonija bil-ħoss tagħhom tar-ram.

It-tieni frażi (b. 93 – 94) titla' tarġa waħda tal-iskala u tmur in Do Minuri (II) - donnu l-mużika trid tfisser li l-bniedem qed jixħet ħarstu 'l fuq jitlob bil-ħerqa kollha lil San Ġiljan biex bl-interċessjoni ta' dan il-qaddis jikseb il-maħfra tant mixtieqa għad-dunbiet li forsi jkun wettaq. Intant, it-taqsir li sar f'dil-frażi

minn dik preċendenti, żgur li ser jgħin għalbiex tintlaħaq il-klajmakx, aktar u aktar meta għandek il-volum dejjem tiela'.




It-tielet frażi (b. 95 -$100^{1}$) taqbad minfejn ħalliet ta' qabilha u titla' tarġa oħra tal-iskala biex tmur in Re Minuri (III), jonkella il-minuri relattiva ta' Fa Maġġuri, li min-naħa tagħha tiġi d-dominanti ta' S*ib* Maġġuri. F'din il-frażi jintlaħaq il-qofol ta' din il-parti aħħarija ta' din it-taqsima. Dan iseħħ proprju f'battuta 96 fejn il-volum huwa mmarkat għoli (*forte*), u fejn għandek 'il kulħadd għaddej fl-aqwa tiegħu, bil-primi vjolini, il-flawt u l-kurunetta jirfsulek noti akuti, u bil-vuċijiet tenuri, bħas-soltu diviżi, u baxxi, iħaqquha magħhom. Anke t-trumbuni u l-ofiklajd(e)? jinsabu f'reġistru pjuttost għoli fejn jistgħu jsemmgħu leħinhom sewwa. Il-bqija tal-istrumenti, i.e. klarinetti u korni, ukoll jagħtu l-aħjar tagħhom f'dan il-mument, anke jekk qasir, ta' tensjoni, għax fil-fatt, fil-battuta li jkun imiss wara din, kollox ibatti f'tebqa t'għajn, u kulħadd jibda nieżel bil-mod kif kien tela' ftit battuti ilu, tant li, sal-aħħar tal-frażi kollox jerġa' lura għall-kalma ta' qabel. Il-ftit maltemp li jkun fadal qed fil-frażi li jmiss. Il-kompożitur ra wkoll li, lejn l-aħħar ta' din il-paġna minn tal-manuskritt iniżżel *volti subito* biex dak li jkun imur għall-paġna ta' wara bla dewmien, li ma jmurx dan il-mument drammatiku, għal xi raġuni, jitlef mill-intensità tiegħu!




Żewġ punti żgħar interessanti oħra li xtaqt insemmi huma dawn: (a) jekk wieħed josserva sew battuti 96 – 100 jinnota li, filwaqt li l-vjolini, il-flawt u l-kurunetta huma neżlin 'l-isfel b'mod veloċi, min-naħa tagħhom, il-vuċijiet baxxi, akkumpanjati mill-vjolinċelli u l-kuntrabaxxi, huma tielgħin, anke jekk bil-pass, tant li ż-żewġ partijiet jiġu jmissu tista' tgħid ma' xulxin. Dan il-moviment kuntrarju nqabblu ma' stat ta' bniedem li jinsab f'xi taqbida spiritwali; (b) il-motiv li jinsab f'battuta 98 mhu xejn għajr inverżjoni ta' ieħor li jinsab f'battuta 95. Infakkar li, dan il-motiv konna diġà ltqajna miegħu għall-ewwel darba fis-solo tal-kurunetta f'batutta 52. Il-motiv l-ieħor ta' f'battuta 99, li mhux xejn għajr skala ta' noti neżlin u imqassmin fi kromi, ukoll konna ltqajna miegħu f'battuta 60. Magħqudin flimkien, dawn iż-żewġ motivi iqabbduk bħal vertiġni. Passaġġ simili ser niltaqgħu miegħu minn hawn u ftit ieħor.

Ir-raba' u l-aħħar frażi ($100^{2}$ – 106) tara lill-mużika tkompli tnin bil-mod il-mod u tnaqqas mill-ġirja tagħha (minn battuta 103 'il quddiem), sakemm tispiċċa għax-xejn, u tmur u tagħlaq fuq skiet perfett permezz ta' pawsa ġenerali (b. 107). L-aħħar tliet battuti għandhom jindaqqu kemm kemm jinstemgħu mill-istrumenti tal-korda, żewġ klarinetti u kornu *solo*, filwaqt li l-kor għandu jlissen l-aħħar kelmiet – *filium Dei* - minn taħt l-ilsien. Il-primi vjolini jagħmlu l-aħħar użu mit-tieni motif, bl-iskala issa titla' ottava u nofs f'battuti 100-101, bil-melodija tieqaf għal waqt biex iddur ftit fuq il-famuża SOL*b* (b. 102), qabel ma b'qabża tispara 'l fuq lejn is-SI*b*, żewġ ottavi fuq l-oħra li biha konna bdejna. Minn hemm, il-

vjolini jerġgħu jibdew neżlin, l-ewwel permezz ta' passaġġ żgħir arpeġġjat, u b'żewġ appoġġjaturi f'noshom (b. 103), u jkompli dejjem neżlin bl-iskala (b. 104), sa ma jinżlu u jieqfu fuq l-akkordju li jkunu bdew bih.






**TAQSIMA $A^1$** (b. 108 - 121): Din it-taqsima għandha kważi l-istess ammont ta' battuti bħal fit-taqsima l-oħra (b. 1 – 51), u allura tibbilanċja tajjeb f'dawk li huwa tul ta' ħin. Madankollu, jekk tneħħi l-introduzzjoni u l-ewwel sentenza, il-materjal huwa wieħed differenti.

(ġ) (b. 108-$112^2$) = 4 $^2/_3$ battuti. Għalkemm din it-taqsima terġa' lura fit-tonalità li l-antifona tkun bdiet biha, i.e. Fa Maġġuri, il-kompożitur jagħżel li jiftaħ bl-akkordju tas-settima diminwita, fejn is-Si bekwadru jikkondraxxi lill-istess kjavi. Dan l-akkordju, li fih innifsu joffri sentiment fl-istess waqt inaspettat u misterjuż, jissorprendi ħafna meta tqis li għadna kif ħriġna minn silenzju assolut. (Hawn wieħed jieħu l-okkażjoni biex jirringrazzja lil Nani talli għoġbu jagħmel dik il-pawsa (b. 107) ta' qabel nidħlu għal din it-taqsima għax b'hekk, dak li ikun qed jidderieġi, ikollu ħin biżżejjed biex jerġa' jinserixxi t-temp tal-bidu bl-aktar mod assertiv.) Naturalment, wieħed ma jistax ma jinnotax ukoll id-differenza kbira li hemm fit-tul bejn iż-żewġ introduzzjonijiet li bihom jiftħu taqsimiet A u $A^1$ rispettivament. Dan biex ma nsemmux ukoll li, tneħħi r-ritmu fl-ewwel battuta, mhemm xejn aktar li jista' jixxiebah bejniethom.



(g) (b. $112^3$ – 121) - *Beate Juliane Protector Sanctissime*. Din is-sentenza hija kważi identika għall-oħra li hemm f'battuti $15^3$ – 23, tneħħi xi differenzi li jista' jkun hemm fl-akkumpanjament, u xi tibdil żgħir fil-melodija lejn l-aħħar tagħha.

(għ) (b. 122 – 145) - *Deprecare Pro Nobis Filium Dei*. Għalkemm dawn il-battuti għandhom jittieħdu bħala grupp wieħed, wieħed jista' faċilment jaqsamhom f'sezzjonijiet iżgħar kif ġej:

b. 122 – 127 - *Deprecare pro nobis* = 6 battuti. Dan il-passaġġ huwa mmarkat *piano*, u jikkuntrastaw bil-kbir mal-battuti li ġew qabilhom, fejn kellna *tutti* orkestrali. Wieħed jinnota li, fihom għandna sekwenza

fejn battuti 124 – 5 jieħdu l-istess disinn tat-tnejn li jiġu qabilhom, imma ttrasportati tliet gradi ‘l-isfel. Min-naħa tagħhom, il-vuċijiet maskili huma akkumpanjati mill-korda biss. L-ewwel jidħlu jkantaw fl-unisonu t-tenuri (*deprecare*), bil-baxxi jwieġbuhom lura (*pro nobis*).




b. 128 – 131 - *filium Dei* = 4 battuti. Hawn reġa’ għandna *tutti* orkestrali, bis-sehem ta’ kulħadd, u bit-tenuri diviżi. Din il-frażi mużikali tiftaħ fuq is-settima diminwita (#IV7) li, bħala akkordju, jidher li ser ikun karatteristika partikolari f’din it-taqsima. Fl-eżempju li ġibt daħħalt ukoll it-trumbuni flimkien ma’ l-ofikljad(e)?, il-vjolinċelli u kuntrabaxxi bħala parti mill-assjem biex dak li jkun ikollu ftit idea ta’ kif jitqassmu l-istrumenti f’mumenti bħal dawn.




b. 132 – 137 - *Deprecare* = 6 battuti. Hawnhekk għandna l-istess sitwazzjoni bħal f’battuti 122 – 127. Id-differenza bejniethom qegħda biss fl-akkordji, li issa jaqraw hekk: I = V7 ta’ Si*b* Maġġuri → I = IV → V7b ta’ Sol Minuri → I = II → V7 ta’ Fa Maġġuri → I. F’dik li hija strumentazzjoni mbagħad, mal-istrumenti tal-korda, issa jidħlu wkoll, b’mod kawtel, iż-żewġ klarinetti u kornu solo. Dan il-passaġġ dejjem jibqa’ mmarkat *piano*.

b. 138 – 145 - *filium Dei* = 8 battuti. Dan il-passaġġ huwa bħall-ieħor (b. 128 -131) imma aktar imwessa’ peress li din hi l-aħħar darba li ser jidħlu jkantaw il-vuċijiet, u allura wieħed irid jibda jaħseb biex jagħlaq din it-tielet u l-aħħar taqsima tal-antifona. Din is-sentenza mhix għajr grupp kadenzjali doppju, i.e. 138 – 141 (#IV7 – Ic – V – I [fl-ewwel taħbita u l-bqija V]), u 142 – 145 (I [fl-ewwel taħbita u l-bqija V] – I – IV – V – I). Hawn ukoll sfortunatament, hemm immarkat (*salto*) fuq il-partitura biex il-mużika li tiġi wara battuta 140 jinqabżu kollha, u minflok, tmur dritt lejn battuta 151 fejn hemm immarkat *qui*, b’waħda mill-aħħar erba’ battuti jerġa’ tkun ingassata wkoll. Dan ifisser li, l-aħħar ħames battuti minn din is-sentenza (b. 141 – 145) u parti sostanzjali mill-koda (b. 146 – 150) jitħallew barra. Li taqbad u tnaqqas għaxar battuti hekk minn din it-taqsima żgur li jirriżulta fi żbilanċ estetiku.

(h) b. 146 – 154 – koda = 9 battuti. Dawn l-aħħar battuti ma joffru xejn spettakolari ħlief għall-vjolini li, b'ritmu fi stil l-overtura Franċiża, jinżlu arpeġġjati mgħola żewġ ottavi f'temp ta' ħames battuti (b. 146 - 150), akkumpanjati b'nota twila mill-bqija tal-orkestra fuq il-korda tonika. U bl-aħħar erba' kolpi qawwija min-naħa tal-orkestra x-xogħol jiġi fi tmiem mill-aktar maestuż. Wisq probabbli li, dawn l-aħħar battuti tal-koda għandhom jindaqqu f'temp aċċellerat biex jinħoloq dak l-eċċitament tant mistenni mid-dilettanti tal-antifoni meta jaraw l-vara tirfes mill-bieb tal-knisja 'l ġewwa, biex imbagħad wara terġa' tidħol lura fin-niċċa tagħha ħalli tingħalaq wara l-ħġieġ għal sena oħra.

Għeluq: U b'hekk ġejna fi tmiem it-tieni u l-aħħar parti ta' dan l-artiklu. U jekk il-kitba tal-artiklu tiegħi tas-sena l-oħra kienet ispirata mill-120 anniverasrju ta' din l-Antifona li ħarġet mill-pinna ta' Mro. Dr. Paolo Nani fl-1893, hekk bl-istess mod, qed norbot l-artiklu ta' dis-sena mal-anniversarju tat-twelid ta' dan il-kompożitur prolifiku Malti li twieled proprju nhar it-18 ta' Novembru fl-1814!

Glossajru:

ANTIFONA: kelma bil-Griek li tfisser silta sagra qasira aktarx meħuda mill-Bibbja, reċitata jew kantata waqt funzjonijiet liturġiċi u l-Uffiċċju Divin. Dan il-versett ta' talb jingħad qabel is-salm u jinbidel skont il-festa li tkun. Fl-antik, il-kant kien ikun fl-istil Gregorjan, iżda maż-żmien, kompożituri bħal Nani bdew jimmużikawha fi stili kontemporanji.

APPOĠĠJATURA: Normalment, tingħaraf b'nota żgħira li titqiegħed grad fuq jew taħt in-nota prinċipali, u li għalkemm m'għandhiex valur fiss, ġeneralment tieħu nofs il-valur tan-nota li tiġi warajha. Appoġġjatura, madankollu, tista' wkoll titniżżel mill-ewwel kif għandha tindaqq.

ARPEĠĠ: Fejn in-noti ta' akkordju jindaqqu nota wara l-oħra.

*BASSO CONTINUO*: Noti mużikali miktubin għal strument bit-tastiera li minnhom l-istrumentalista kellu jifforma l-armonija li kellu jdoqq fuq dawn in-noti. Ġieli kien ikollhom ukoll imniżżlin xi numri għal aktar għajnuna min-naħa tal-kompożitur.

BATTUTA: Miżura tal-mużika, jew aħjar, id-diviżjoni ta' biċċa mużika f'biċċiet qsar tal-istess valur jew għaqda ta' noti jew pawsi li jitqassmu fi kwantità egwali ta' valur. Battuta tinfired minn oħra billi tqiegħed stangetta (*barline*) bejniethom.

KADENZA: Progressjoni ta' kordi li jġibu frażi mużikali fi tmiemha.

KRISTOLOĠIJA: Huwa l-istudju u x-xjenza storika dwar il-figura, in-natura u l-attributi ta' Kristu.

*MAESTRO DI CAPPELLA*: Is-surmast li jidderieġi l-mużika fil-knejjes. Huwa jkun marbut ukoll li minn żmien għall-ieħor jikkomponi bċejjeċ adatti biex jindaqqu waqt il-funzjonijiet reliġjużi.

MISTRIEĦ: Ara TWAQQIF.

MOTIV: Huwa l-iqsar unità melodika jew ritmika mużikali li tagħmel sens. Tista' tkun ta' żewġ noti biss jew aktar. Normalment, tema mużikali tkun komposta minn għadd ta' motivi.

NOMENKLATURA: Lista ta' ismijiet li għandhom x'jaqsmu ma' xi ħaġa partikulari.

PENTAGRAMMA: Jew vers ta' ħames rigi għall-kitba tal-mużika.

PIZZIKAT: Struzzjoni lill-istrumenti tal-korda biex idoqqu bil-qris tas-swaba' flok bl-ark. Passaġġ li normalment ikun immarkat *pizzicato* (jew *pizz.*, fil-qosor), ikun segwit minn struzzjoni oħra li tgħid lil dak li jkun biex jieqaf idoqq b'dan il-mod u jerġa' jirrikorri għad-daqq bl-ark (*arco*).

SOLO jew SOLU: Passaġġ mużikali li jindaqq (jew jitkanta) minn persuna waħda, li jista' jkun bi, jew mingħajr, akkumpanjament ta' strument/i oħra. Fil-każ tagħna, is-solo fuq il-kurunetta huwa akkumpanjat biss mill-istrumenti tal-korda. Wieħed li jdoqq solo nsejħulu solist/a. Passaġġi bħal dawn jitolbu mużiċisti ta' stoffa li kapaċi jesegwixxu mingħajr biża' ta' xejn li ser ikunu qedin jinstemgħu weħidhom. Ħafna solijiet ifallu mill-mira tagħhom, jew għax is-solist/a ma jkunx ipprepara ruħu sewwa għal din l-eżekuzzjoni, jew għas-sempliċi raġuni li ma tkunx instabet il-persuna adattata għalihom, bir-riżultat li jsir fjask sħiħ mis-solo proprju f'dak il-mument li l-udjenza l-aktar li tkun qed tistenna minnu.

SESTA AWMENTATA (bl-Ingliż, *Augmented 6th.*): Hija korda magħmula minn trijadi li jikkonsisti fin-nota u t-terza maġġuri fuqha, u magħhom is-sesta awmentata. Il-korda tinbena fuq is-sitt grad minuri ta' l-iskala (ġieli wkoll fuq it-tieni grad minuri). Din is-sesta awmentata, f'dal-każ hekk imsejħa Taljana, minħabba l-mod kif inhija mibnija, hija għaldaqstant waħda kromatika. Biex inġibu eżempju, jekk qegħdin in RE Minuri, l-akkordju jiġi jaqra hekk: SI*b*, RE u SOL#.

STRUMENTI: (1) tal-korda: jindaqqu billi l-mużiċist iġiegħel lill-kordi jivvibraw permezz tal-ark (*arco*) jew b'subgħajh (*pizzicato*), jonkella b'xi plettru jew pinna (fil-każ ta' kitarra jew mandolina); (2) tan-nifs: hemm żewġ kategoriji, dawk tal-injam bħall-flawt, obwe, klarinett, u fagott, u dawk tar-ram, bħal kornu, kurunetta, trumbun, u baxx; (3) tal-perkussjoni: jindaqqu billi tagħti daqqa fuq il-wiċċ tagħhom, sew bl-id, kif ukoll b'xi par stikek apposta għalihom, jonkella billi sempliċiment tħabbathom ma' xulxin.

STRUMENTAZZJONI: Sengħa/studju/tagħlim tal-partijiet stumentali miktubin individwalment, u kif ser jindaqqu u/jew jinstemgħu bħala orkestra.

TEMP: Il-ħeffa ta' moviment li biha biċċa mużika tkun trid tindaqq. Dawn it-termini jissejħu espressjonijiet għax huma jagħtu l-ħajja lil kull biċċa xogħol, u huwa permezz tagħhom li l-iżjed titpaxxa l-mużika. Fl-istess ħin, il-kompożitur ikun qed jisserva bihom biex ifisser is-sentimenti jew xejra tal-qalb tiegħu. Espressjoni, jew aktar, li ħafna drabi tkun bil-lingwa Taljana, titniżżel fil-bidu ta' biċċa xogħol biex tindika t-temp lil min ser ikun qed idoqqha. L-isfumaturi li għandhom x'jaqsmu mal-volum tal-ħoss huma wkoll parti mil-lista twila ta' espressjonijiet, u li bihom il-mużika tista' allura tiżżejjen.

TREMOLU: Sinjal li juri li n-nota għandha tkun irreplikata b'ħeffa kbira matul il-valur tagħha.

TWAQQIF jew MISRIEĦ: Komunement magħruf ukoll bħala aspett. Permezz ta' dan is-sinjal tkun tista' twaqqaf l-għamil tad-daqq sakemm ikun hemm bżonn.

UNISONU: Żewġ noti l-istess, ngħidu aħna żewġ DO jew żewġ RE, u hekk.